MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 258/2004

**Anthony Gatt**

**vs**

**Marco Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat l-14 ta' Mejju tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attur sejjhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas l-ammont ta' elf, tmien mija u seba' Liri Maltin, (LM1,807.00,0), rapprezentanti bilanc ta' somma akbar ta' provvisti ta' bajd li gew ikkonsenjati lill-konvenut mill-attur u dan fuq inkarigu tieghu;

2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-3 ta’ Gunju tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenut ecepixxa s-segwenti:

1. Illi l-parti l-kbira tas-somma mitluba hija palesament preskritta ai termini tal-artikolu 2148 (b) u kwindi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda;

2. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjent jirribadixxi kif dejjem ghamel tul din il-pendenza, li kull kont pendenti li kellu mal-attur gie adegwatament saldat u mhallas. Di fatti kemm – il darba gie mitlub jaghti ‘statement’ dettaljat u sopportat b’dokumenti u qatt ma ghamel dan b’mod sodisfacenti – kwindi anke fil-meritu t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda;

3. Kwantu ghall-imghaxijiet, dato ma non concesso, li jirrizulta li hemm xi ammont dovut, l-interessi ghandhom jiddekorru mill-prezentata tal-avviz;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut datata s-17 ta' Jannar tas-sena 2005, li din il-qorti qed taccetta bhala ipprezentata fit-terminu stante li dak minnha stabbilit kien jaghlaq fil-gurnata tas-Sibt precedenti;

Illi ghalkemm innotat li t-terminu stabbilit ghall-attur biex jipprezenta n-nota tieghu gie eccedut, tiddikjara li mhux biss accettat in-nota tardiva tieghu izda hadet ukoll konjizzjoni taghha;

Ikkunsidrat:

Illi din is-sentenza hi limitata ghar-rizoluzzjoni ta’ l-ewwel eccezzjoni preliminari senjatament, dik rigwardanti l-

eccezzjoni tal-preskrizzjoni ndikata mill-istess konvenut, u cioe' dik li permezz taghha l-azzjoni odjerna hi preskritta bl-eghluq ta' tmintax – il xahar;

Ikkunsidrat:

Illi in effetti din il-procedura hi ntavolata mill-attur ghall-bilanc allegatament lilu dovut mill-konvenut ghall-provvisti ta' bajd lilu kkonsenjati;

Illi l-istess konvenut jikkoncedi li l-attur kien jissuplieh bil-provisti necessarji ghad-dolcerija tieghu;

Illi pero l-konvenut isostni bil-gurament li m'ghandu l-ebda pendenzi favur l-attur;

Illi in oltre l-istess konvenut isostni li l-ahhar pagament sar fit-30 t'Ottubru tas-sena 2002 u wara dan il-pagament isostni bi kjarezza li "…ma kien fadal xejn x'inhallas lill-attur", (ara fol 11);

Illi l-attur, ghalkemm isostni li ghad fadallu jithallas ghal xi konsenji ipprovduti, pero jonqos palezament milli jissostanzja l-istess allegazzjoni b'mod oggettiv;

Illi l-metodu ta' kontabilita' minnu mizmum jirrizulta ineffettiv u jonqso mhux biss li jikkonvinci lil din il-qorti sal-grad rikjest mil-ligi ta' probabbilita izda lanqas lill-istess attur;

Illi l-ahjar u l-unika prova li l-attur ghogbu jipprezenta in sosten tat-tezi tieghu hi ricevuta li fuqha ma jidher xejn, (ara fol 19 u 20);

Ghaldaqstant, din il-qorti hi konvinta mill-verzjoni proposta mill-konvenut li l-ahhar pagament gie minnu effettwat fit-30 ta' ottubru tas-sena 2002 u minn dik id-data sal-lum, l-attur ma issottometta l-ebda att gudizzjarju biex jikkawtela l-pozizzjoni tieghu skond il-ligi;

Rat ghalhekk l-artikolu 2148 (b) tal-kapitolu 16;

Illi in vista tal-premess, takkolji l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut u tiddikjara li l-azzjoni odjerna hi preskritta, bl-ispejjez kontra l-attur.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------